**MT**

MT

MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.10.2009
KUMM(2009) 554 finali

2009/0165 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## Dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali

**(riformulazzjoni)**

{SEC(2009) 1376}
{SEC(2009) 1377}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. Kuntest tal-Proposta

### 1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hija riformulazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat [1](minn hawn 'il quddiem – id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil).

Il-kontribuzzjonijiet irċevuti mill-partijiet interessati bi tweġiba għall-konsultazzjoni tal-Green Paper[2] indikaw il-proliferazzjoni tal-arranġamenti proċedurali diversi fuq livell nazzjonali u nuqqasijiet dwar il-livell tal-garanziji proċedurali għall-applikanti għall-ażil li jirriżultaw mill-fatt li d-Direttiva attwalment tippermetti lill-Istati Membri marġinu wiesa' ta' diskrezzjoni. Konsegwentement, id-Direttiva m'għandhiex il-potenzjal biex issostni b'mod adegwat id-Direttiva dwar il-Kwalifika[3] u tiżgura eżaminazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mal-obbligi internazzjonali u Komunitarji tal-Istati Membri fir-rigward tal-prinċipju tan-*non-refoulement.*

Kif imħabbar fil-Pjan Politiku dwar l-Ażil[4], din il-proposta hija parti mill-inizjattivi li l-għan tagħhom hu li jiżguraw livell ogħla ta' armonizzazzjoni u standards aħjar tal-protezzjoni internazzjonali madwar l-Unjoni. Il-miżuri previsti huma mistennija li jtejbu **l-koerenza bejn l-istrumenti tal-ażil tal-UE, jissimplifikaw, jirrazzjonalizzaw u jikkonsolidaw l-arranġamenti proċedurali** madwar l-Unjoni u jwasslu għal **determinazzjonijiet iktar b'saħħithom fl-istadju ta' prim' istanza, u b'hekk jipprevjenu abuż u jtejbu l-effiċjenza tal-proċess tal-ażil**.

Din il-proposta hija marbuta mal-proposta tal-Kummissjoni għall-regolament li jistabbilixxi Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil[5], li *inter alia* hu maħsub li jipprovdi għajnuna prattika lill-Istati Membri bl-għan li jtejjeb il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjoni tal-ażil.

Fir-rigward tal-piżijiet finanzjarji u amministrattivi li ġejjin mill-miżuri previsti għal dawk l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistemi ta' ażil tagħhom, minħabba partikolarment is-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom, ir-riżorsi tal-Fond Ewropew għar-Rifuġjati se jkunu mobilizzati sabiex jipprovdu appoġġ adegwat lil dawn l-Istati Membri u sabiex jiżguraw li l-piż se jkun maqsum b'mod iktar ġust bejn l-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil se jikkoordina u jsostni ħidma komuni sabiex jgħin lill-Istati Membri li qed jaffaċċjaw pressjonijiet partikolari, u, b'mod iktar ġenerali, jgħin l-Istati Membri biex jidentifikaw il-

---

1 ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13.

2 Green Paper dwar il-ġejjieni tas-Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil - COM (2007) 301.

3 Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala rifuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali (GU L 304, 30.9.2004, p.12)

4 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, fir-rigward tal-"Pjan Politiku dwar l-Ażil Approċċ Integrat għall-Protezzjoni Madwar l-UE" tas-17 ta' Ġunju 2008, COM(2008) 360.

5 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil - COM (2009) 66.

modi l-iktar kost-effettivi biex jimplimentaw l-miżuri previsti permezz ta' ġbir ta' prattiki tajba u skambju strutturat ta' kompetenza ta' livell għoli.

### 1.2. Kuntest ġenerali

Il-ħidma fuq il-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil (CEAS) bdiet immedjatament wara li daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam f'Mejju 1999, fuq il-bażi tal-prinċipji approvati mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere. Matul l-ewwel fażi tas-CEAS (1999-2005) l-għan kien li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jkunu armonizzati fuq il-bażi ta' standards minimi. Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil kienet l-aħħar mill-ħames biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-ażil tal-UE. L-għan tagħha hu li tistabbilixxi standards minimi dwar proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat.

Din il-proposta twieġeb għas-sejħa tal-Programm tal-Aja biex ikunu ppreżentati proposti għall-istrumenti tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bl-għan tal-adozzjoni tagħhom qabel it-tmiem tal-2010. L-għan tagħha hu li tindirizza n-nuqqasijiet fil-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali u li tiżgura standards ta' protezzjoni ogħla u iktar armonizzati, u b'hekk tersaq lejn proċedura tal-ażil komuni u status uniformi, kif stabbilit fil-konklużjonijiet ta' Tampere u repetuti fil-Programm tal-Aja.

Analiżi dettaljata tal-problemi identifikati fir-rigward ta' din id-Direttiva u dwar il-preparazzjoni mwettqa għall-adozzjoni tagħha, l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażliet politiki u l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażla politika preferuta huma inklużi fil-Valutazzjoni tal-Impatt, annessa ma' din il-proposta.

### 1.3. Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Din il-proposta hi konformi b'mod sħiħ mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-1999 u l-programm tal-Aja tal-2004 rigward it-twaqqif tas-CEAS. Hi twieġeb ukoll għas-sejħa tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil, adottat mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ottubru 2008[6], li jippreżenta proposti għall-istabbiliment, sal-2012, ta' proċedura unika tal-ażil li tinkludi garanziji komuni.

## 2. Konsultazzjonijiet ta' Partijiet Interessati

Illum il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva, inkluż informazzjoni estensiva dwar in-nuqqasijiet dwar it-termini tad-Direttiva u l-mod kif inhi applikata fil-prattika.

- F'Ġunju 2007, il-Kummissjoni ppreżentat **Green Paper**, li l-għan tagħha kien li tidentifika għażliet possibbli għall-iffurmar tat-tieni fażi tas-CEAS. It-tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika inkludiet **89 kontribuzzjoni minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati**. Il-kwistjonijiet imqajma u s-suġġerimenti mressqa matul il-konsultazzjoni pprovdew il-bażi għall-Pjan Politiku li jagħti lista tal-miżuri li l-Kummissjoni biħsieba tipproponi sabiex tlesti t-tieni fażi tas-CEAS, inkluż il-proposta biex temenda d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil. Il-Kummissjoni **wettqet analiżi b'attenzjoni tal-miżuri tat-traspożizzjoni**, notifikati mill-Istati Membri.

---

6 Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil', Dokument tal-Kunsill 13440/08.

- L-implimentazzjoni tad-Direttiva u modi possibbli biex jindirizzaw in-nuqqasijiet attwali fil-qafas Komunitarju dwar il-proċeduri tal-ażil kienu diskussi f'**6 laqgħat tal-esperti** organizzati mill-Kummissjoni bejn Frar 2008 u Jannar 2009. Dawn il-konsultazzjonijiet involvu **l-esperti tal-Gvern**, (4 laqgħat tal-esperti li saru fil-25.12.2008, 29.09.2008, 25.11.2008 u 12.01.2009), **NGOs** (08,01,2009), **UNHCR** u **prattikanti legali li jipprovdu pariri legali lill-applikanti għall-ażil fi proċeduri nazzjonali** (17.03.2008), u ffukaw fuq l-elementi ewlenin tad-Direttiva. Dawn il-konsultazzjonijiet pprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni prezzjuża dwar l-oqsma li jridu jkunu indirizzati f'din il-proposta. Il-partijiet kkonsultati esprimu kunsens ġenerali biex jilħqu armonizzazzjoni addizzjonali tal-arranġamenti proċedurali u jipprovdu l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'garanziji adegwati li b'hekk jiżguraw eżaminazzjoni effiċjenti u ġusta tat-talbiet tagħhom, b'konformità mad-Direttiva dwar il-Kwalifika. Madankollu xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jżommu ċertu livell ta' flessibbiltà dwar l-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-ażil u biex iżommu arranġamenti proċedurali maħsuba biex jipprevjenu l-abbuż, filwaqt li oħrajn esprimew preferenza li jindirizzaw nuqqasijiet tal-qafas preżenti permezz ta' miżuri ta' kooperazzjoni prattika pjuttost milli permezz intervent leġiżlattiv.

- Kien imwettaq **studju intern** f'isem il-Kummissjoni, li analizza l-evidenza eżistenti u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet.

- Kienet miġbura dejta addizzjonali bi tweġiba għal **diversi kwestjonarji dettaljati** indirizzati mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kollha u lill-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili.

- Informazzjoni importanti dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva instabet ukoll f'**rapportidwar il-proġetti kofinanzjati mill-Fond Ewropew għar-Rifuġjati** u fir-rapport dwar il-proċeduri tal-ażil fl-Istati li jipparteċipaw fl-IGC (**il-Blue Book**).

Fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Green Paper mal-esperti tal-Gvern u tas-Soċjetà Ċivili, kummentarji tal-akademiċi, tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarji u analiżi tal-miżuri tat-traspożizzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, kienu identifikati żewġ problemi ewlenin. Jiġifieri, l-istandards minimi huma (a) insuffiċjenti u (b) vagi, b'hekk m'għandhomx il-potenzjal biex jiżguraw eżaminazzjonijiet ġusti u effiċjenti. B'kunsiderazzjoni tan-nuqqasijiet serji nnutati minn bosta kummentaturi u partijiet interessati, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi l-garanziji u l-kunċetti proċedurali li huma strumentali fl-iżgurar tad-determinazzjonijiet affidabbli skont id-Direttiva dwar il-Kwalifika. Din *inter alia* tinkludi garanziji maħsuba biex jagħtu l-applikant opportunità realista biex jissostanza t-talba tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, garanziji speċjali għall-applikanti vulnerabbli u arranġamenti dwar it-teħid ta' deċiżjoni ta' kwalità. Dawn l-istandards huma importanti bl-għan li jipprevjenu l-abbuż u jippreservaw l-integrità tas-sistemi tal-ażil. F'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni tikkunsidra wkoll it-tħassib espress mill-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet ripetuti u li jidhru li huma bla bażi. Fi ftit kliem, din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jagħmlu l-proċeduri tal-ażil fil-Komunità aċċessibbli, effiċjenti, ġusti u sensittivi fir-rigward tal-kontenut.

## 3. Elementi Legali tal-Proposta

### 3.1. Sinteżi tal-azzjoni proposta

L-għan ewlieni ta' din il-proposta hu li jiżgura standards ogħla u iktar koerenti dwar il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali li se jiggarantixxu eżaminazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat skont l-obbligi internazzjonali u Komunitarji tal-Istati Membri.

Din il-proposta hi maħsuba biex ittejjeb kemm l-effiċjenza kif ukoll il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjoni billi **"tantiċipa" (frontloading) s-servizzi, il-pariri u l-kompetenza u tinkoraġixxi l-Istati Membri biex jipprovdu, f'tul ta' żmien raġonevoli, determinazzjonijiet sodi fl-istadju ta' prim' istanza**. L-effiċjenza u l-kwalità mtejba tal-proċess tal-ażil għandhom (a) jippermettu lill-Istati Membri biex jiddistingwu iktar malajr bejn persuni li jfittxu ażil u migranti oħra f'wasliet imħallta, b'hekk **itejbu r-riżorsi tax-xogħol u amministrattivi meħtieġa biex jistabbilixxu u jlestu l-proċeduri applikabbli** (ritorni, ażil, status umanitarju, estradizzjoni eċċ.); (b) jippermettu lill-awtoritajiet tal-ażil biex jieħdu deċiżjonijiet sodi, ibbażati fuq ċirkustanzi fattwali kompluti u stabbiliti b'mod sew tat-talba, **itejbu id-difiża ta' deċiżjonijiet negattivi** u jnaqsu ir-riskju tal-annulament tagħhom minn korpi tal-appell; (c) jippermettu l-persunal tal-ażil **biex jidentifika aħjar każijiet ta' applikazzjonijiet mingħajr bażi u abbużivi, inklużi dawk ibbażati fuq identità jew ċittadinanza falza;** (d) **inaqsu l-ispejjeż ta' akkoljenza tal-Istati Membri u jappoġġja l-isforzi tagħhom biex inneħħu dawk li ma ngħatalhomx l-ażil mit-territorju** peress li d-determinazzjonijiet ta' kwalità se jkunu pprovduti iktar malajr u iktar każijiet se jirriżultaw f'deċiżjoni finali diġà fl-istadju ta' prim' istanza. Rifuġjati ġenwini u persuni bi bżonn ta' protezzjoni sussidjarja se jibbenefikaw minn aċċess iktar malajr għall-intitolamenti stipulati fid-Direttiva dwar il-Kwalifika.

Din il-proposta hi maħsuba wkoll biex **tissimplifika u tikkonsolida kunċetti u mezzi proċedurali u ttejjeb il-koerenza** bejn l-istrumenti tal-ażil. Din għandha *inter alia* tillimita l-fenomenu tal-movimenti sekondarji tal-persuni li jfittxu l-ażil fost l-Istati Membri, sal-punt li tali movimenti huma ġġenerati minn arranġamenti proċedurali diverġenti.

F'dan ir-rigward il-proposta tindirizza dawn il-kwistjonijiet li ġejjin:

*1. Konsistenza bejn l-istrumenti differenti tal-ażil*

Bl-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni **konsistenti tal-*acquis* tal-ażil u jiġu ssimplifikati l-arranġamenti applikabbli**, il-proposta tipprovdi għall-proċedura unika, b'hekk tagħmilha ċara li l-applikazzjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati fid-dawl taż-żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali stipulati fid-Direttiva dwar il-Kwalifika. Hi tispeċifika wkoll ir-regoli applikabbli fil-proċedura unika, bħal pereżempju s-sekwenza mandatorja ta' eżaminazzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat u status tal-protezzjoni sussidjarja, u testendi r-regoli preżenti dwar l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat għall-każijiet tal-irtirar tal-protezzjoni sissidjarja. Dawn il-modifiki jirriflettu għan li ilu jeżisti tal-politika tal-Kummissjoni dwar l-ażil[7] u maħsuba biex jiżguraw konsistenza mad-Direttiva dwar il-Kwalifika. Barra minn hekk, bl-għan li jiġi kkjarifikat l-ambitu tad-Direttiva *ratione materiae*, il-proposta tagħmilha ċara li l-prinċipji u l-garanziji proċedurali stipulati fid-Direttiva tal-Proċeduri tal-Ażil japplikaw lill-applikanti li huma soġġetti għall-proċeduri skont

---

[7] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew - Sistema Komuni Ewropea ta' Ażil Politiku Aktar Effiċjenti: "Il-Proċedura Unika bħala l-Pass li Jmiss", 15.07.2004 COM (2004) 503 finali

ir-Regolament ta' Dublin[8] fit-tieni Stati Membri, u tenfasizza li l-kunċett ta' irtirar impliċitu tal-applikazzjonijiet m'għandux ikun ostaklu għall-applikanti biex jerġgħu jaċċedu l-proċeduri tal-ażil fl-Istat Membru responsabbli.

*2. Aċċess għal proċeduri*

Il-proposta tipprovdi għal numru ta' garanziji maħsuba biex itejbu l-aċċess għall-proċeduri tal-ażil. L-ewwel nett, din tinkludi b'mod ċar l-ilmijiet territorjali fl-ambitu tad-Direttiva u tispeċifika l-obbligi tal-gwardji tal-fruntiera, pulizija u persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni. Din tipprovdi wkoll għal-limitu ta' żmien għat-tlestija tal-formalitajiet għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni u tintroduċi garanziji maħsuba biex jippermettu lill-persuni de facto li qed ifittxu ażil sabiex jartikolaw it-talba tagħhom meta jkunu preżenti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera jew fil-faċilitazzjonijiet ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija. Dawn jinkludu aċċess għall-informazzjoni dwar il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti sabiex japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, aċċess għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu pariri legali u konsulenza lill-persuni li qed ifittxu ażil, u arranġamenti maħsuba għall-iżgurar tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-persuna kkonċernata.

*3. Garanziji proċedurali fil-proċeduri ta' prim' istanza*

Il-proposta hi maħsuba biex iżżid il-livell ġenerali ta' ġustizzja fil-proċeduri tal-ażil, li b'hekk iwassal għall-**applikazzjoni iktar konsistenti** tal-prinċipji u garanziji proċedurali miftiehma. L-emendi proposti huma, fil-biċċa l-kbira, infurmati minn każistika li qed tevolvi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-Liġi Komunitarja, bħal pereżempju d-dritt għad-difiża, il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-mezzi, u d-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kien sors ewlieni ieħor ta' ispirazzjoni għal iktar żvilupp tas-salvagwardji proċedurali għall-applikanti tal-ażil. F'dan ir-rispett, il-proposta essenzjalment hi maħsuba biex tipprovdi applikant b'opportunità xierqa u realista biex isostni t-talba tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, u biex tiżgura valutazzjoni sinifikanti tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-applikant mill-awtoritajiet kompetenti. Fid dawl ta' dak li intqal hawn fuq, l-emendi proposti:

(a) inaqqsu l-eċċezzjonijiet għall-prinċipji u garanziji proċedurali stipulati f'din id-Direttiva. B'mod partikolari, il-proposta tħassar il-possibbiltà li titneħħa intervista personali fi proċeduri mgħaġġla;

(b) jipprovdu għall-garanziji addizzjonali, bħal pereżempju d-dritt għall-assistenza legali bla ħlas għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fi proċeduri ta' prim'istanza;

(c) jintroduċu garanziji speċjali għall-applikanti vulnerabbli għall-ażil. Dawn *inter alia* jinkludu regoli li jittrattaw ma' rapporti mediċi-legali, eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' applikanti minn proċeduri mgħaġġla jew tal-fruntieri u arranġamenti proċedurali maħsuba biex jistabbilixxu l-elementi tal-applikazzjoni f'każijiet li jinvolvu persekuzzjonijiet ibbażati fuq is-sess u/jew l-età.

Il-miżuri previsti se *inter alia* jikkontribwixxu biex **jipprevjenu l-abbuż tal-proċeduri** billi jtejbu l-għarfien tal-applikanti tar-rekwiżiti applikabbli li jwasslu *inter alia* għall-konformità

---

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 50, 25.2.2003, p.1)

aħjar mal-obbligi proċedurali. Huma jsostnu wkoll l-isforzi tal-awtoritajiet tal-ażil biex jieħdu deċiżjonijiet ta' difiża u sodi, ibbażati fuq ċirkustanzi fattwali kompluti u stabbiliti sew tat-talba.

*4. Kunċetti u mezzi proċedurali*

Bil-ħsieb li jinkiseb l-għan ta' proċedura komuni tal-ażil, il-proposta hi maħsuba biex tikkonsolida l-kunċetti u l-mezzi ewlenin proċedurali u tiddefinixxi aħjar l-irwol operattiv tagħhom fi proċeduri tal-ażil. Dan jikkonċerna primarjament ir-raġunijiet ta' inamissibbiltà, inkluż il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu, proċeduri mgħaġġla u applikazzjonijiet li huma b'mod ċar bla bażi, il-kunċett ta' applikazzjonijiet sussegwenti, u l-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu. **Il-kunċetti u l-mezzi** tad-Direttiva **għandhom isiru iktar konsistenti u ssimplifikati**, filwaqt li jipprovdu l-awtoritajiet tal-ażil b'iktar għodda proċedurali meħtieġa sabiex jipprevjenu / jirrispondu għall-abbuż u jipproċessaw malajr b'mod ċar applikazzjonijiet mingħajr bażi jew inqas kumplessi.

Skont id-deċiżjonijiet ta' inamissibbiltà, il-proposta tagħmilha ċara li l-applikant ikkonċernat għandu jkun kapaċi li juri l-fehmiet tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni tal-bażijiet ta' inammissibbiltà lill-awtoritajiet qabel ma tittieħed deċiżjoni li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli. Il-proposta tħassar ukoll il-kunċett tal-pajjiż terz Ewropew bla periklu u tinkorpora l-bażijiet tal-protezzjoni sussidjarja fil-lista tar-rekwiżiti materjali għall-applikazzjoni tal-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu.

Il-proposta tirrevedi wkoll l-arranġamenti preżenti għall-proċeduri mgħaġġla li jipprovdu għal lista limitata u eżawrjenti għal eżaminazzjoni mgħaġġla ta' applikazzjonijiet li jidhru li huma bla bażi u tenfasizza li l-awtorità determinanti għandha tingħata biżżejjed ħin biex twettaq eżaminazzjoni bir-reqqa ta' applikazzjoni f'każijiet bħal dawn. Fl-istess ħin, il-proposta tippreserva u tiżviluppa iktar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jissalvagwardjaw l-integrità tal-proċeduri, b'mod partikolari fir-rigward tal-ipproċessar ta' talbiet abbużivi jew qarrieqa. F'dan ir-rigward, l-emendi jintroduċu obbligu għall-applikanti biex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-istabbiliment tal-identità tagħhom u elementi oħra tal-applikazzjoni. Din id-dispożizzjoni għandha taħdem flimkien mal-istandards attwali li jippermettu lill-Istati Membri biex jikkunsidraw applikazzjonijiet, ibbażati fuq informazzjoni falza jew dokumenti fir-rigward tal-identità jew ċittadinanza tal-applikant, bħala bla bażi b'mod ċar u biex jgħaġġlu l-eżaminazzjoni tagħhom.

Il-miżuri previsti dwar it-teħid ta' deċiżjoni ta' kwalità, inkluż l-arranġamenti dwar l-intervisti personali, pariri tal-esperti u taħriġ, għandhom itejbu iktar it-tħejjija tal-persunal tal-ażil sabiex jidentifikaw fil-ħin każijiet qarrieqa jew abbużivi. Dawn il-miżuri huma msaħħa iktar billi jkun enfasizzat il-prinċipju ta' awtorità determinanti unika. Din l-emenda tal-aħħar takkomoda l-arranġamenti istituzzjonali tal-maġġoranza tal-Istati Membri u hija indispensabbli bil-ħsieb li tiżgura d-disponibbiltà tal-kompetenza istituzzjonali u twassal għal determinazzjonijiet b'saħħithom, ibbażati fuq ċirkustanzi fattwali kompluti u stabbiliti bi preċiżjoni. Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-proċess tal-ażil u għat-titjib tal-kwalità tal-eżaminazzjonijiet ta' prim' istanza, b'hekk ikun hemm skoraġġiment tal-abbuż tal-proċeduri.

Huwa wkoll propost li l-proċess tal-ażil jiġi integrat permezz tal-introduzzjoni ta' limiti ta' żmien għall-proċeduri ta' prim' istanza. Il-limitu ta' żmien ġenerali previst ta' 6 xhur jakkomoda l-emendi leġiżlattivi u/jew il-prattiċi tal-maġġoranza tal-Istati Membri,

ikkonsultati fil-proċess tal-preparament tal-emendi[9]. Huwa strumentali fit-titjib tal-effiċjenza tal-eżaminazzjonijiet, tnaqqis tal-ispejjeż, l-iffaċilitar tat-tneħħija tal-persuni li ma ngħatawx ażil u l-iżgurar ta' aċċess iktar mgħaġġel għall-protezzjoni għar-rifuġjati ġenwini u persuni li għandhom bżonn ta' protezzjoni sussidjarja. L-emendi jipprovdu wkoll għall-possibbiltà ta' estensjoni tal-limitu ta' żmien għal 6 xhur iktar f'każijiet individwali. Sabiex l-Istati Membri jingħataw iktar żmien biex jaddattaw u jerġgħu jorganizzaw il-proċeduri nazzjonali tagħhom skont il-limiti ta' żmien proposti, il-proposta tipprovdi għall-posponiment tal-iskadenza tat-traspożizzjoni fir-rigward ta' dawn l-emendi għal 3 snin.

Barra minn hekk, il-proposta hi maħsuba biex terġa tikkunsidra ċerti elementi tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu billi tħassar il-kunċett ta' lista komuni minima ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu u tikkonsolida l-kriterji tal-għanijiet komuni għad-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu. L-emendi proposti għandhom iwasslu għall-applikazzjoni iktar konsistenti tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu, ibbażati fuq ir-rekwiżiti materjali komuni, reviżjonijiet regolari tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi denominati bħala siguri u garanziji proċedurali applikati b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha li applikaw għal dan il-mezz. The European safe third country concept is also re-visited to the extent that the common list is no longer foreseen. Il-kunċett tal-pajjiż terz Ewropew bla periklu huwa wkoll rivedut sal-punt li l-lista komuni m'għadhiex prevista. Sabiex jitnaqqsu l-kawżi bażi ta' applikazzjonijiet ripetuti, il-proposta tagħmilha ċara li l-applikant u l-awtorità determinanti għandhom jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa biex jistabbilixxu u jivvalutaw l-elementi tal-applikazzjoni inizjali skont ir-rekwiżit kooperattiv stipulat fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika. Il-proposta tikkonsolida wkoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jittrattaw applikazzjonijiet sussegwenti bl-għan li jippermettu lill-Istati Membri li applikazzjoni sussegwenti tkun soġġetta għal test ta' ammissibbiltà skont il-prinċipju *res judicata* u li jidderogaw mid-dritt li jibqgħu fit-territorju f'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti multipli u b'hekk jevitaw l-abbuż tal-proċeduri tal-ażil.

*5. Aċċess għall-rimedju effettiv*

Il-proposta tiffaċilita l-aċċess għall-rimedju effettiv għall-applikanti tal-ażil skont l-obbligi Komunitarji u internazzjonali tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-proposta hi infurmata l-iktar minn żviluppi għaddejjin fil-każistika rispettiva tal-ECJ u l-ECtHR. L-ewwel nett, il-proposta tipprovdi għall-reviżjoni sħiħa u *ex nunc* tad-deċiżjonijiet ta' prim' istanza minn qorti jew tribunali u tispeċifika li l-kunċett tar-rimedju effettiv jirrikjedi reviżjoni kemm ta' fatti kif ukoll punti ta' dritt. Barra minn hekk, il-proposta hi maħsuba biex iġġib il-proċedimenti ta' appell skont id-Direttiva f'konformità mal-prinċipju ta' "ugwaljanza tal-mezzi" u, soġġetta għall-eċċezzjonijiet limitati, tipprovdi għall-effett suspensiv awtomatiku ta' appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' prim' istanza dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

### 3.2. Bażi Legali

Din il-proposta temenda d-Direttiva 2005/85/KE u tuża l-istess bażi legali bħal dak l-Att, jiġifieri punt (1)(d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 63 tat-Trattat tal-KE. L-emendi li jitrattaw mal-istandards proċedurali dwar l-istatus tal-protezzjoni sussidjarja huma bbażati fuq il-punt (2)(a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 tat-Trattat tal-KE.

L-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, isostni li l-Irlanda u

9 Għal iktar informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u prattiki nazzjonali, ara l-Valutazzjoni tal-Impatt, anness ma' din il-proposta.

r-Renju Unit jistgħu 'jagħżlu' miżuri li jistabbilixxu Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil. Skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda avżaw dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, il-pożizzjoni ta' dawn l-Istati Membri rigward id-Direttiva attwali ma taffettwax il-parteċipazzjoni possibbli tagħhom fir-rigward tad-Direttiva l-ġdida.

Skont l-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta bid-Direttiva u lanqas mhi suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

### 3.3. Il-Prinċipju tas-Sussidjarjetà

It-titlu IV tat-Trattat tal-KE ('TEC') dwar visas, ażil, immigrazzjoni u politiki oħrajn relatati mal-moviment ħieles ta' persuni jagħti ċerti setgħat dwar dawn il-kwistjonijiet lill-Komunità Ewropea. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mal-Artikolu 5 TEC, jiġifieri jekk u sa fejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk minħabba l-kobor jew l-effetti tal-azzjoni proposta jintlaħqu aħjar mill-Komunità.

Il-bażi legali attwali għall-azzjoni tal-Komunità hija stabbilita fl-**Artikolu 63(1) TEC**. Din id-dispożizzjoni tistqarr li l-Kunsill għandu jadotta "miżuri dwar l-ażil, skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati u trattati relevanti oħra" f'oqsma bħal l-istandards minimi dwar il-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti jew irtirar tal-istatus ta' rifuġjat u standards minimi għall-għoti ta' protezzjoni lill-persuni li inkella għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Minħabba n-natura transnazzjonali tal-problemi relatati mal-ażil u l-protezzjoni tar-rifuġjat, l-UE hi f'qagħda tajba biex tipproponi soluzzjonijiet fil-qafas tas-Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil (CEAS) b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Minkejja li ntlaħaq livell importanti ta' armonizzazzjoni permezz tal-adozzjoni tad-direttiva fl-2005, hija **meħtieġa iktar azzjoni tal-UE** sabiex jinkisbu standards ogħla u iktar armonizzati dwar il-proċeduri tal-ażil u biex jittieħdu iktar passi lejn proċedura unika tal-ażil, u l-għan fit-tul hu ddentifikat f'Tampere. Dawn l-istandards huma wkoll ikkunsidrati indispensabbli bl-għan li jkun żgurat li l-persuni li qed ifittxu ażil li huma soġġetti għall-proċeduri ta' Dublin ikollhom l-applikazzjonijiet eżaminati skont il-kundizzjonijiet ekwivalenti fi Stati Membri differenti.

### 3.4. Il-Prinċipju tal-Proporżjonalità

Il-valutazzjoni tal-impatt dwar l-emendi tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil vvalutat kull għażla għall-problemi ddentifikati sabiex tippreżenta proporzjoni ideali bejn il-valur prattiku u l-isforzi meħtieġa u kkonkludiet li l-għażla għall-azzjoni tal-UE ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-għan li l-problemi jkunu solvuti.

### 3.5. L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali

Din il-proposta kienet soġġetta għal skrutinju bir-reqqa sabiex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet huma kumpatibbli bis-sħiħ ma':

- drittijiet fundamentali li ġejjin minn prinċipji ġenerali tal-Liġi Komunitarja, li, huma nnifishom, huma r-riżultat tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u l-ECHR, kif affermat ukoll, tal-Karta tal-UE, u

– obbligi li ġejjin mil-liġi internazzjonali, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Żgurar ta' standards ogħla dwar il-proċeduri tal-ażil kif ukoll l-applikazzjoni konsistenti tagħhom madwar l-UE se jkollu impatt ġenerali pożittiv għall-persuni li qed ifittxu l-ażil mil-lat tad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, il-proposta se tnaqqas l-ispazju għall-iżbalji amministrattivi fi proċeduri tal-ażil u b'hekk tiżgura iktar rispett għall-prinċipju tan-*non-refoulement* u ttejjeb l-aċċess għall-protezzjoni u l-ġustizzja. Din se ttejjeb ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi u tippromwovi l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri nazzjonali tal-ażil.

| |
|---|
| 🡻 2005/85/KE<br>⇨ ġdid |

2009/0165 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-~~istatus ta' rifuġjat~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (1)(d) ⇨ u l-punt (2) (a) ⇦ tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni [10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[12],

Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[13],

Billi:

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

(1) Għandhom isiru numru ta' bidliet sostantivi lid-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat[14]. Din id-Direttiva għandha tiġi mfassla mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

[10] ĠU C [...], [...], p. [...].
[11] ĠU C [...], [...], p. [...].
[12] ĠU C [...], [...], p. [...].
[13] ĠU C [...], [...], p. [...].
[14] ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13.

🡻 2005/85/KE premessa 1

(2) Politika komuni dwar l-ażil, li tinkludi Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil, hija parti kostitwenti mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tiġi stabbilita progressivament żona ta' libertà, ta' sigurtà, u ta' ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament protezzjoni fil-Komunità.

🡻 2005/85/KE premessa 2

(3) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, qabel li jaħdem sabiex tiġi stabbilita Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-istatus ta' rifuġjati, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("Konvenzjoni ta' Ġinevra"), u b'hekk ikun affermat il-prinċipju ta' non-refoulement u jkun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura għall-persekuzzjoni.

🡻 2005/85/KE premessa 3

(4) Il-Konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu li Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil għandha tinkludi, fi żmien qasir, standards komuni għal proċeduri ġusti u effiċjenti tal-ażil fl-Istati Membri u, fi żmien twil, regoli Komunitarji li jwasslu għal proċedura komuni tal-ażil fil-Komunità Ewropea.

🡻 2005/85/KE premessa 4 (adattat)

(5) ⌦ Id-Direttiva 2005/85/KE ⌫ ~~L-istandards minimi stabbiliti f'din id-Direttiva dwar il-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti jew l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat huma għalhekk~~ ⌦ kienet ⌫ miżura inizjali dwar proċeduri tal-ażil.

⇩ ġdid

(6) L-ewwel fażi tal-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil issa nkisbet. Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja, li jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja matul il-perjodu 2005-2010. F'dan ir-rigward il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi tal-istrumenti legali u biex tippreżenta proposti għall-miżuri u strumenti tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom qabel it-tmiem tal-2010. Skont il-Programm tal-Aja, l-għan li għandu jintlaħaq għall-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil huwa l-istabbiliment ta' proċedura komuni ta' ażil u status uniformi validu madwar l-Unjoni.

(7) Fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil, adottat fis-16 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill Ewropew innota li għad hemm diverġenzi konsiderevoli bejn Stat Membru u ieħor dwar l-għoti tal-protezzjoni u sejjaħ għall-inizjattivi ġodda, inkluż proposta għall-istabbiliment ta' proċedura unika ta' ażil li tinkludi garanziji komuni, sabiex jitlesta l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil, prevista fil-Programm tal-Aja.

(8) Ir-riżorsi tal-Fond Ewropew għar-Rifuġjati u tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil għandhom ikunu mobilizzati sabiex jipprovdu appoġġ adegwat lill-isforzi tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istandards stabbiliti fit-tieni fażi tas-Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil, b'mod partikolari lil dawk l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw pressjonijiet partikolari u sproporzjonati fuq is-sistemi ta' ażil tagħhom, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom.

(9) Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni komprensiva u effiċjenti tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni internazzjoni tal-applikanti skont it-tifsira tad-Direttiva […./../KE] [dwar Standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (Id-Direttiva dwar il-Kwalifika] il-qafas Komunitarju dwar il-proċeduri għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali għandu jkun ibbażat fuq il-kunċett ta' proċedura unika ta' ażil.

---

| |
|---|
| 🡻 2005/85/KE premessa 5 (adattat)<br>⇨ ġdid |

(10) L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva hu li ⇨ li jiġu żviluppati iktar standards minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali bl-għan li tiġi stabbilita proċedura komuni ta' ażil fil-Komunità ⇦ ~~jiġi introdott qafas minimu fil-Komunità dwar il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat~~.

---

| |
|---|
| 🡻 2005/85/KE premessa 6<br>⇨ ġdid |

(11) L-approssimazzjoni tar-regoli dwar il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~istatus ta' rifuġjat~~ għandha tgħin biex tillimita l-movimenti sekondarji tal-applikanti għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ bejn l-Istati Membri, fejn tali moviment ikun ikkawżat mid-differenzi fl-oqsfa legali ⇨ , u joħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' **Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika] fl-Istati Membri** ⇦.

---

| |
|---|
| 🡻 2005/85/KE premessa 7<br>⇨ ġdid |

(12) In-natura stess tal-istandards minimi teħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jintroduċu jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar favorevoli għal ċittadini ta'

pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jitolbu protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru, fejn tali talba tkun ikkunsidrata bħala bbażata fuq il-fatt li l-persuna kkonċernata tkun ⇨ fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~rifuġjata~~ fis-sens ta' ⇨ **Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika]** ⇦ ~~Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra~~.

---

| ➔ 2005/85/KE premessa 8<br>⇨ ġdid |
|---|

(13) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ⇨B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1,18, 19, 21, 24 u 47 tal-Karta u għandha tiġi implimentata kif xieraq. ⇦

---

| ➔ 2005/85/KE premessa 9<br>⇨ ġdid |
|---|

(14) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li għalihom huma parti ~~u li jipprojbixxu diskriminazzjoni~~.

---

| ➔ 2005/85/KE premessa 10<br>⇨ ġdid |
|---|

(15) Huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet kollha għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ jittieħdu abbażi tal-fatti u, fl-istadju ta' prim'istanza, minn awtoritajiet li l-persunal tagħhom ikollu l-informazzjoni adegwata jew jirċievi t-taħriġ meħtieġ fil-qasam ta' kwistjonijiet ta' ażil u ta' rifuġjati.

---

| ➔ 2005/85/KE premessa 11<br>⇨ ġdid |
|---|

(16) Huwa fl-interess kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti għall- ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~ażil~~ li jiġu deċiżi kemm jista' jkun malajr l-applikazzjonijiet għall-~~ażil~~. ⇨ protezzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-eżaminazzjoni xierqa u kompluta ⇦. ~~L-organizzazzjoni tal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-ażil għandha titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri, sabiex, skont il-bżonnijiet nazzjonali tagħhom, ikunu jistgħu jipprijoritizzaw jew jgħaġġlu l-ipproċessar ta' kull applikazzjoni, b'kont meħud tal-istandards stabbiliti f'din id-Direttiva.~~

↓ 2005/85/KE premessa 12
⇨ ġdid

(17) Il-kunċett ta' ordni pubbliku jista' ⇨ *inter alia* ⇦ jkopri sentenza ta' kundanna għat-twettiq ta' delitt gravi.

↓ 2005/85/KE premessa 13
⇨ ġdid

(18) Fl-interess li jiġu rikonoxxuti korrettament dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ⇨ jew bħala persuni eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja ⇦, kull applikant għandu, ~~suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet,~~ jkollu aċċess effettiv għall-proċeduri, għall-opportunità li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jippreżenta l-fatti relevanti tal-każ tiegħu u għal garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura. Barra minn hekk, il-proċedura li fiha tiġi eżaminata applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għandha normalment tagħti lil applikant għall-inqas id-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru sa meta tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti, aċċess għas-servizzi ta' interpretu sabiex ikun jista' jippreżenta l-każ tiegħu jekk jiġi intervistat mill-awtoritajiet, l-opportunità li jikkomunika ma' rappreżentant tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) ⇨ u ma' organizzazzjonijiet li jipprovdu pariri jew konsulenza lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni li taħdem għan-nom tiegħu~~, id-dritt ta' notifika adegwata ta' deċiżjoni, il-motivazzjoni ta' dik id-deċiżjoni fil-fatt jew fid-dritt, l-opportunità li jikkonsulta ma' konsulent legali jew konsulent ieħor, u d-dritt li jiġi nfurmat dwar il-pożizzjoni legali tiegħu f'mumenti deċiżivi matul il-proċedura, f'ilsien li raġonevolment ikun mistenni jifhem ⇨ u, fil-każ ta' deċiżjoni negattiva, id-dritt għall-soluzzjoni effettiva quddiem qorti jew tribunal ⇦ .

↓ 2005/85/KE premessa 14

~~Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti garanziji proċedurali speċifiċi għal minuri li ma jkunux akkumpanjati, minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom. F'dan il-kuntest, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun konsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri.~~

⇩ ġdid

(19) Bl-għan li jiżguraw aċċesss effettiv għall-proċedura ta' eżaminazzjoni, l-uffiċjali li jkollhom l-ewwel kuntatt ma' persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jwettqu sorveljanza tal-fruntieri tal-art jew tal-baħar jew li jwettqu kontrolli fil-fruntieri, għandhom jirċievu istruzzjonijiet u t-taħriġ meħtieġa dwar kif jirrikonoxxu u jitrattaw talbiet għall-protezzjoni internazzjonali. Dawn għandhom ikunu kapaċi jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li huma preżenti fit-territorju, inkluż fil-fruntieri, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu

tal-Istati Membri, u li jixtiequ jitolbu protezzjoni internazzjonali, bl-informazzjoni kollha relevanti dwar fejn u kif l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jkunu ppreżentati. Fejn dawk il-persuni jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru, dawn għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont din id-Direttiva.

(20) Barra minn hekk, garanziji proċedurali speċjali għall-applikanti vulnerabbli, bħal pereżempju minuri, minuri mhux akkumpanjati, persuni li kienu soġġetti għall-tortura, stupru jew atti serji oħra ta' vjolenza jew persuni b'diżabbiltà, għandhom ikunu stabbiliti sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-aċċess effettiv tagħhom għall-proċeduri u jkunu ppreżentati l-elementi meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

(21) Il-miżuri nazzjonali li jittrattaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tas-sintomi u sinjali ta' tortura jew atti serji oħra ta' vjolenza fiżika jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali, fil-proċeduri koperti minn din id-direttiva għandhom *inter alia* jkunu bbażati fuq il-*Manual on Effective Investigation and Documentation of Torture and Other Cruel, Inhuman or Degrading Treatment or Punishment* (Protokoll ta' Istanbul).

(22) Bl-għan li tiġi żgurata l-ugwaljanza sustantiva bejn l-applikanti nisa u rġiel, il-proċeduri tal-eżaminazzjoni għandhom ikunu skont is-sess. B'mod partikolari, l-intervisti personali għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jagħmilha possibbli kemm għall-applikanti nisa kif ukoll għall-irġiel biex jitkellmu dwar l-esperjenzi tal-passat tagħhom f'każijiet li jinvolvu persekuzzjoni bbażata fuq is-sess. Il-kumplessità tat-talbiet relatati mas-sess għandhom ikunu kkunsidrati sew fi proċeduri bbażati fuq il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu, il-kunċett tal-pajjiż ta' oriġini bla periklu jew il-kunċett tal-applikazzjonijiet sussegwenti.

(23) L-"aħjar interessi tat-tfal", għandu jkun kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva, skont il-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-drittijiet tat-tfal.

(24) Il-proċeduri għall-eżaminazzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jagħmluha possibbli għall-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu eżaminazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

---

| ↓ 2005/85/KE premessa 15<br>⇨ ġdid |
|---|

(25) Fejn sussegwentement applikant jagħmel applikazzjoni mingħajr ma jippreżenta provi jew argumenti ġodda, ikun sproporzjonat li l-Istati Membri jkunu obbligati jwettqu mill-ġdid proċedura sħiħa ta' eżaminazzjoni. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom ⇨ ikunu kapaċi jirrifjutaw applikazzjoni bħala inamissibbli skont il-prinċipju *res judicata* ⇦ ~~ikollhom għażla ta' proċeduri li jinvolvu eċċezzjonijiet għall-garanziji li normalment jitgawdu mill-applikant~~.

⬇ 2005/85/KE premessa 16
⇨ ġdid

(26) Ħafna applikazzjonijiet għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ isiru mal-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi ⇨ jipprovdu għall-ammissibbiltà u/jew proċeduri ta' eżaminazzjoni sustantivi li jagħmluha possibbli li jkunu deċiżi applikazzjonijiet magħmula fil-fruntieri jew f'żoni ta' tranżitu f'dawn il-postijiet ⇦ li jħallu l-proċeduri eżistenti adattati għas-sitwazzjoni speċifika ta' dawn l-applikanti fil-fruntiera. Għandhom jiġu definiti regoli komuni dwar eċċezzjonijiet li jkunu possibbli f'dawn iċ-ċirkostanzi għall-garanziji li normalment igawdu l-applikanti. Il-proċeduri tal-fruntieri għandhom prinċipalment japplikaw għal dawk l-applikanti li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet għad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri.

⬇ 2005/85/KE premessa 17
⇨ ġdid

(27) Konsiderazzjoni ċentrali ta' bażi tajba għall-applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ hija s-sigurtà tal-applikant fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu. Fejn pajjiż terz ikun jista' jiġi meqjus bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jikklassifikawh bħala bla periklu u jassumu s-sigurtà tiegħu għal applikant partikolari, sakemm huwa ma jippreżentax kontraindikazzjonijiet serji.

⬇ 2005/85/KE premessa 18

(28) Minħabba l-livell ta' armonizzazzjoni milħuq dwar il-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi bħala rifuġjati, għandhom jiġu stabbiliti kriterji komuni sabiex pajjiżi terzi jiġu indikati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

⬇ 2005/85/KE premessa 19

Meta l-Kunsill ikun sodisfatt li dawk il-kriterji jkunu ġew sodisfatti fir-rigward ta' pajjiż ta' oriġini partikolari, u konsegwentement ikun inkludih fil-lista komuni minima ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu li għandha tiġi adottata skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jikkunsidraw l-applikazzjonijiet ta' persuni li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' dak il-pajjiż, jew ta' persuni apolidi li preċedentement kienu abitwalment residenti f'dak il-pajjiż, abbażi tal-preżunzjoni, ribattibbli, tas-sigurtà ta' dak il-pajjiż. Fid-dawl tal-importanza politika tal-indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, partikolarment minħabba l-implikazzjonijiet ta' valutazzjoni tas-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiż ta' oriġini u l-implikazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-linji politiċi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, il-Kunsill għandu jieħu kull deċiżjoni dwar it-twaqqif jew l-emendament tal-lista, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

| ⬇ 2005/85/KE premessa 20 (adattat) |
|---|

~~Jirriżulta, mill-istatus tal-Bulgarija u mill-istatus tar-Rumanija bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea u mill-progress li sar minn dawn il-pajjiżi lejn l-adeżjoni, li dawn għandhom jiġu meqjusa bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet ta' din id-Direttiva sad-data tal-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea.~~

---

| ⬇ 2005/85/KE premessa 21<br>⇨ ġdid |
|---|

(29) L-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-finijiet ta' din id-Direttiva ma tistax tistabbilixxi garanzija ta' sigurtà assoluta għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż. Fin-natura stess tagħha, il-valutazzjoni li tkun il-bażi tal-indikazzjoni tista' tieħu kont biss taċ-ċirkostanzi ċivili, legali u politiċi ġenerali f'dak il-pajjiż u tikkunsidra jekk l-awturi tal-persekuzzjoni, tat-tortura jew ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti humiex suġġetti għal sanzjonijiet fil-prattika meta jinstabu responsabbli fil-pajjiż konċernat. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li, fejn l-applikant juri li jkun hemm raġunijiet ~~serji~~ ⇨ validi ⇦ sabiex il-pajjiż ma jiġix kunsidrat bħala wieħed bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, l-indikazzjoni tal-pajjiż bħala wieħed bla periklu ma tistax aktar tiġi meqjusa bħala relevanti għalih.

---

| ⬇ 2005/85/KE premessa 22 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(30) L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-applikazzjonijiet kollha abbażi tas-sustanza, jiġifieri jivvalutaw jekk l-applikant ikkonċernat jikkwalifikax ~~bħala rifuġjat~~ ⌦ għall-protezzjoni internazzjonali ⌫ skont ~~id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar standards minimi għall-kwalifika u għall-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr Stat bħala rifuġjati jew bħala persuni li diversament jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija~~~~[15]~~~~,~~ Direttiva […/../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika] ħlief fejn din id-Direttiva tkun tipprovdi mod ieħor, partikolarment meta wieħed ikun jista' raġonevolment jassumi li pajjiż ieħor ikun sejjer jagħmel l-eżaminazzjoni jew jipprovdi protezzjoni suffiċjenti. B'mod partikolari, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jivvalutaw is-sustanza ta' applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fejn pajjiż ta' ażil preċedenti jkun ta lill-applikant l-istatus ta' rifuġjat jew inkella protezzjoni suffiċjenti u l-applikant jiġi ammess mill-ġdid f'dan il-pajjiż.

---

15 ~~ĠU L 304, 13.9.2004, p. 12.~~

| ⬇ 2005/85/KE premessa 23 |
|---|
| ⇨ ġdid |

(31) L-Istati Membri m'għandhomx ukoll ikunu obbligati li jivvalutaw is-sustanza ta' applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fejn l-applikant, minħabba konnessjoni ⇨ suffiċjenti ⇦ ma' pajjiż terz kif definit mil-liġi nazzjonali, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jfittex protezzjoni f'dak il-pajjiż terz ⇨ , u jkun hemm bażijiet għall-kunsiderazzjoni li applikant se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż⇦. L-Istati Membri għandhom jipproċedu biss fuq din il-bażi meta dan l-applikant partikolari jkun protett fil-pajjiż terz konċernat. Sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji ta' applikanti, għandhom jiġu stabbiliti prinċipji komuni għall-konsiderazzjoni jew indikazzjoni mill-Istati Membri ta' pajjiżi terzi bħala bla periklu.

---

| ⬇ 2005/85/KE premessa 24 |
|---|
| ⇨ ġdid |

(32) Barra minn hekk, fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi Ewropej, li josservaw standards partikolarment għoljin fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tal-protezzjoni ta' rifuġjati, l-Istati Membri għandhom jiġu eżentati milli jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-ażil jew milli jagħmlu eżami sħiħ tagħhom fir-rigward ta' applikanti li jidħlu fit-territorju tagħhom minn tali pajjiżi terzi Ewropej. ~~Minħabba l-konsegwenzi potenzjali għall-applikant ta' eżami ristrett jew ta' nuqqas ta' eżami, din l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu għandha tkun ristretta għal każijiet li jinvolvu pajjiżi terzi li dwarhom il-Kunsill ikun issodisfa ruħu li l-istandards għoljin għas-sigurtà tal-pajjiż terz konċernat, kif stabbilit f'din id-Direttiva, ikunu sodisfatti. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjonijiet f'dan il-qasam wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.~~

---

| ⬇ 2005/85/KE premessa 25 |
|---|

~~Isegwi min-natura tal-istandards komuni fir-rigward taż-żewġ kunċetti ta' pajjiż terz bla periklu kif stabbiliti f'din id-Direttiva, li l-effett prattiku tal-kunċetti jiddependi fuq jekk il-pajjiż terz ikkonċernat jippermettix lill-applikant ikkonċernat jidħol fit-territorju tiegħu.~~

---

| ⬇ 2005/85/KE premessa 26 |
|---|
| ⇨ ġdid |

(33) Fir-rigward tal-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat ⇨ jew protezzjoni sussidjarja ⇦, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jibbenefikaw mill- ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~istatus ta' rifuġjat~~ jkunu debitament informati dwar il-possibbiltà ta' rikonsiderazzjoni tal-istatus tagħhom u jkollhom l-opportunità sabiex jagħtu l-fehma tagħhom qabel mal-awtoritajiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni motivata dwar l-irtirar tal-istatus tagħhom. ~~Madankollu, id-dispensa minn dawn il-garanziji għandha tkun permessa meta r-raġunijiet għaċ-ċessazzjoni tal-istatus ta' rifuġjat ma jkunux relatati ma' bidla fil-kondizzjonijiet li fuqhom kien ibbażat ir-rikonoxximent.~~

🡻 2005/85/KE premessa 27
⇨ ġdid

(34) Ikun jirrifletti prinċipju bażiku tal-liġi Komunitarja li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ u fir-rigward tal-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat ⇨ jew ta' protezzjoni sussidjarja ⇦ ikunu suġġetti għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 234 tat-Trattat. L-effikaċja tar-rimedju, ukoll fir-rigward tal-eżami tal-fatti relevanti, tiddependi fuq is-sistema amministrattiva u ġudizzjarja ta' kull Stat Membru fit-totalità tagħha.

---

🡻 2005/85/KE premessa 28

(35) Skont l-Artikolu 64 tat-Trattat, din id-Direttiva ma tolqotx l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-liġi u l-ordni u tas-salvagwardja tas-sigurtà interna.

---

🡻 2005/85/KE premessa 29 (adattat)
⇨ ġdid

(36) Din id-Direttiva ma tittrattax dwar dawk il-proċeduri ⇨ bejn l-Istati Membri ⇦ li huma regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 Regolament (KE) Nru […/… ][li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ depożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[16] (Ir-Regolament ta' Dublin)].

---

⇩ ġdid

(37) L-applikanti li għalihom japplika r-Regolament KE Nru […/…] [ir-Regolament ta' Dublin] għandhom igawdu minn aċċess għall-prinċipji u garanziji prinċipali stabbiliti f'din id-Direttiva u għall-garanziji speċjali skont ir-Regolament KE Nru […/…] [ir-Regolament Dublin].

---

🡻 2005/85/KE premessa 30

(38) L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi valutata f'intervalli regolari li ma jaqbżux is-sentejn.

---

16 ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.

↓ 2005/85/KE premessa 31
⇨ ġdid

(39) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-~~istatus ta' rifuġjat~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn min dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

---

↓ 2005/85/KE premessa 32 (adattat)

~~Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, ir-Renju Unit, permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2001, innotifika x-xewqa tiegħu sabiex jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~

---

↓ 2005/85/KE premessa 33 (adattat)

~~Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, l-Irlanda, permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2001, innotifikat ix-xewqa tagħha sabiex tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~

---

↓ 2005/85/KE premessa 34

(40) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

⇩ ġdid

(41) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(42) Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

---

| |
|---|
| 🡻 2005/85/KE<br>⇨ ġdid |

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*KAPITOLU I*

*DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI*

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġu stabbiliti standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-⇨ protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva …/…/KE [id-Direttiva dwar il-Kwalifika] ⇦ ~~istatus ta' rifuġjat~~ .

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "il-Konvenzjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 li għandha x'taqsam mal-istatus tar-rifuġjati, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967;

~~(b) "applikazzjoni" jew "applikazzjoni għall-ażil" tfisser applikazzjoni magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat li tista' tiġi mifhuma bħala talba għal protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija preżunta applikazzjoni għall-ażil, sakemm il-persuna konċernata ma titlobx b'mod espliċitu xi protezzjoni oħra li għaliha tista' ssir applikazzjoni separatament;~~

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

(b) "applikazzjoni" jew "applikazzjoni" għal protezzjoni internazzjonali" tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex stat ta' rifuġjat jew stat ta'

protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop tad-Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika], li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha;

---

| ⬇ 2005/85/KE<br>⇨ ġdid |
|---|

(c) "applikant" jew "applikant għall- ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~ażil~~" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li għamel applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ li fir-rigward tagħha deċizjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(d) "applikant bi bżonnijiet speċjali" tfisser applikant li minħabba età, sess, diżabbiltà, problemi ta' saħħa mentali jew konsegwenzi ta' tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali għandu bżonn garanziji speċjali sabiex jibbenefika mid-drittijiet u jirrispetta l-obbligi skont din id-Direttiva;

---

| ⬇ 2005/85/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(~~d~~)(e) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat ⇨ jew protezzjoni sussidjarja ⇦ taħt id-~~Direttiva 2004/83/KE~~Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika] u li ma jkunx soġġett aktar għal rimedju fil-qafas tal-Kapitolu V ta' din id-Direttiva irrispettivament jekk tali rimedju għandux l-effett li jippermetti applikanti jibqgħu fl-Istati Membri konċernati sal-eżitu tagħha, ~~soġġett għall-Anness III ta' din id-Direttiva~~;

(~~e~~)(f) "awtorità determinanti" tfisser kwalunkwe korp semi-ġudizzjarju jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦, u kompetenti sabiex jieħu, fl-istadju ta' prim'istanza, deċiżjonjiet f'tali każijiet, suġġett għall-Anness I;

(~~f~~)(g) "rifuġjat" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu ~~1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra kif stipulati~~ 2 (d) of ~~fid-Direttiva 2004/83/~~KEDirettiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika];

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(h) "persuna eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2 (f) tad-Direttiva […./../KE] [ id-Direttiva dwar il-Kwalifika];

(i) "status ta' protezzjoni internazzjonali" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat bħala refuġjat jew bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

---

↓ 2005/85/KE

~~(g)~~(j) "status ta' rifuġjat" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat bħala rifuġjat;

---

⇩ ġdid

(k) "status ta' protezzjoni sussidjarja" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(l) "minuri" ifisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;

---

↓ 2005/85/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~(h)~~(m) "minuri mhux akkumpanjat" ifisser ~~persuna taħt l-età ta' 18-il sena li tasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjata minn adult responsabbli għaliha skont il-liġi jew skont il-konswetudini, u għal dak iż-żmien li hija ma tkunx qiegħda tingħata l-ħarsien ta' tali persuna; din tinkludi persuna minuri li tkun tħalliet waħidha wara li tkun daħlet fit-territorju tal-Istati Membri ;~~ ⇨minuri kif definit fl-Artikolu 2 (l) tad-Direttiva […./.../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika];⇦

~~(i)~~(n) "rappreżentant" tfisser ~~persuna li taġixxi f'isem organizzazzjoni li tirrappreżenta minuri mhux akkumpanjat bħala tutur legali, persuna li taġixxi f'isem organizzazzjoni nazzjonali li tkun responsabbli għall-kura u s-saħħa ta' persuni minuri, jew kull rappreżentanza adatta oħra maħtura sabiex tiżgura l-aħjar interessi tal-minuri;~~ ⇨ persuna maħtura mill-awtoritajiet kompetenti biex taġixxi bħala tutur legali sabiex tgħin u tirrappreżenta minuri mhux akkumpanjat bil-għan li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal u teżerċita kapaċità legali għall-minuri fejn ikun meħtieġ; ⇦

~~(j)~~(o) "irtirar ta' status ta' ~~rifuġjat~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ " tfisser id-deċiżjoni minn awtorità kompetenti li tirrevoka, twaqqaf jew tirrifjuta li ġġedded ~~l-i~~status ta' rifuġjat ⇨ jew protezzjoni sussidjarja ⇦ ta' persuna skont id-~~Direttiva 2004/83/KE~~Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika] ;

~~(k)~~(p) "tibqa' fl-Istat Membru" tfisser li tibqa' fit-territorju, inklużi l-fruntiera jew iż-żoni ta' transitu tal-Istat Membru li fih tkun saret l-applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ jew li fih tkun saret jew qiegħda tiġi eżaminata tali applikazzjoni.

*Artikolu 3*

**Ambitu ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ magħmula fit-territorju, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera ⇨ fl-ilmijiet territorjali ⇦ jew fiż-żoni ta' transitu, tal-Istati Membri u għall-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat ⇨ tal-istatus tal-protezzjoni internazzjonali ⇦

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika f'każijiet ta' rikjesti għall-ażil diplomatiku jew territorjali preżentati quddiem ir-rappreżentanzi ta' Stati Membri.

~~3. Fejn Stati Membri jużaw jew jintroduċu proċedura li fiha l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati kemm bħala applikazzjonijiet abbażi tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra kif ukoll bħala applikazzjonijiet għal tipi oħra ta' protezzjoni internazzjonali mogħtija taħt iċ-ċirkostanzi definiti mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/83/KE, dawn għandhom japplikaw din id-Direttiva matul il-proċedura kollha tagħhom.~~

43. ~~Barra minn hekk~~, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva fi proċeduri sabiex jiġu deċiżi applikazzjonijiet għal kull tip ta' protezzjoni internazzjonali ⇨ li jaqgħu barra l-ambitu tad-Direttiva […./.../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika] ⇦ .

---

| ⬇ 2005/85/KE<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 4*

**Awtoritajiet responsabbli**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw, għall-proċeduri kollha, awtorità determinanti li tkun responsabbli li tagħmel eżaminazzjoni adegwata tal-applikazzjonijiet skont din id-Direttiva~~,~~ ~~b'mod partikolari l-Artikoli 8(2) u 9~~. ⇨L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-awtorità għandha numri biżżejjed ta' persunal kompetenti u speċjalizzati għad-dispożizzjonijiet tagħha għat-twettiq tal-kompiti tagħha fi ħdan il-limiti ta' żmien preskritti. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal taħriġ inizjali u ta' segwitu għall-applikazzjonijiet ta' eżaminazzjoni tal-persunal u jieħdu deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni internazzjonali. ⇦

---

| ⇩ ġdid |
|---|

2. It-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 1 jikkonċerna, b'mod speċjali:

(a) ir-regoli sustantivi u proċedurali dwar il-protezzjoni internazzjonali u d-Drittijiet tal-Bniedem stipulati fl-istrumenti internazzjonali u Komunitarji, inkluż il-prinċipji tan-non-*refoulement* u tan-non-diskriminazzjoni;

(b) sess, trawma u sensibilizzazzjoni dwar l-età;

(c) l-użu tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini;

(d) tekniki dwar l-intervisti, inkluż il-komunikazzjoni bejn kulturi differenti;

(e) identifikazzjoni u dokumentazzjoni ta' sinjali u sintomi ta' tortura;

(f) valutazzjoni tal-evidenza, inkluż il-prinċipju tal-benefiċju tad-dubju;

(g) kwistjonijiet ta' każistiki relevanti mal-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

---

| ➜ 2005/85/KE |
|---|

~~Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 343/2003, l-applikazzjonijiet għall-ażil magħmula fi Stat Membru lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jwettqu hemmhekk kontrolli ta' immigrazzjoni għandhom jiġu trattati mill-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu tkun saret l-applikazzjoni.~~

---

| ➜ 2005/85/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

~~2~~3. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li awtorità oħra tkun responsabbli għall-finijiet li ġejjin~~:~~ ⇨l-ipproċessar ta' każijiet skont ir-Regolament (KE) Nru .../... [ir-Regolament ta' Dublin]. ⇦

~~(a) l-ipproċessar ta' każijiet fejn jiġi kkunsidrat it-trasferiment tal-applikant lejn Stat ieħor skont ir-regoli li jistabbilixxu l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi deċiż liema Stat huwa responsabbli sabiex jikkunsidra applikazzjoni ta' ażil, sa meta jsir it-trasferiment jew sa meta l-Istat rikjest jirrifjuta li jieħu ħsieb jew jieħu lura l-applikant;~~

~~(b) it-teħid ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' sigurtà nazzjonali, sakemm l-awtorità determinanti tiġi konsultata qabel din id-deċiżjoni dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala rifuġjat taħt id-Direttiva 2004/83/KE;~~

~~(c) it-twettiq ta' eżaminazzjoni preliminari skont l-Artikolu 32, sakemm din l-awtorità jkollha aċċess għall-file tal-applikant fir-rigward tal-applikazzjoni preċedenti;~~

~~(d) l-ipproċessar ta' każijiet fil-qafas tal-proċeduri previsti fl-Artikolu 35(1);~~

~~(e) ir-rifjut ta' permess għad-dħul fil-qafas tal-proċedura kif provdut mill-Artikolu Article 35(2) sa (5), suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fih;~~

~~(f) id-determinazzjoni li applikant ikun qiegħed ifittex li jidħol jew daħal fl-Istat Membru minn pajjiż terz bla periklu skont l-Artikolu 36A, suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.~~

~~3~~4. Fejn ⌦ awtorità ⌫ ~~l-awtoritajiet jiġu~~ ⌦ tiġi ⌫ nominati skont il-paragrafu ~~2~~3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal ta' ⌦ dik l-awtorità ⌫ ~~dawn l-awtoritajiet~~ ikollu l-għarfien adegwat jew jirċievi t-taħriġ meħtieġ sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu meta jimplementa din id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

5. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fi Stat Membru lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jwettqu kontrolli tal-fruntiera jew tal-immigrazzjoni għandhom ikunu trattati mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun saret l-applikazzjoni

---

🡻 2005/85/KE
⇨ ġdid

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet iktar favorevoli**

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu fis-seħħ standards aktar favorevoli għal proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-~~istatus ta' rifuġjat~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦, sa fejn dawk l-istandards ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.

**KAPITOLU II**

**PRINĊIPJI U GARANZIJI BAŻIĊI**

*Artikolu 6*

**Aċċess għall-proċedura**

~~1. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-applikazzjonijiet għall-ażil isiru personalment u/jew f'post indikat.~~

---

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-irċevuta u r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 5,6,7 u 8, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru personalment u/jew f'post indikat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali għandha opportunità effettiva biex tippreżenta applikazzjoni ma' awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun.

---

| |
|---|
| ↓ 2005/85/KE<br>⇨ ġdid |

~~2~~3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull adult li jkollu kapaċità legali jkollu d-dritt li jagħmel applikazzjoni għall- ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~ażil~~ f'ismu stess.

~~3~~4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li applikazzjoni tkun tista' ssir minn applikant f'isem id-dipendenti tiegħu. F'dawn il-każijiet l-Istati Membri għandhom jiżguraw li adulti dipendenti jagħtu l-kunsens tagħhom għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni f'isimhom, u fin-nuqqas ta' dan għandhom ikollhom l-opportunità li jagħmlu applikazzjoni f'isimhom stess.

Il-kunsens għandu jkun mitlub fiż-żmien li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni jew, mhux aktar tard minn meta titwettaq intervista personali mal-adult dipendenti. ⇨ Qabel ma jkun mitlub kunsens, kull adult fost dawn il-persuni għandu jkun informat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. ⇦

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minuri għandu d-dritt li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew f'ismu, jew permezz tal-ġenituri jew membri oħra tal-familji adulti.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet xierqa referuti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva **2008/115/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] għandhom id-dritt li jippreżentaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'isem il-minuri mhux akkumpanjat jekk, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, dawn l-entitajiet huma tal-opinjoni li l-minuri jista' jkollu ħtiġijiet ta' protezzjoni skont id-Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika].

---

| |
|---|
| ↓ 2005/85/KE<br>⇨ ġdid |

~~4~~7. L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu fil-liġi nazzjonali

[17] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

(a) il-każijiet li fihom minuri jista' jagħmel applikazzjoni f'ismu stess;

(b) il-każijiet li fihom l-applikazzjoni ta' minuri mhux akkumpanjat ikollha tiġi preżentata minn rappreżentant kif previst fl-Artikolu ~~17~~21 (1)(a);

(c) il-każijiet li fihom il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ tkun ikkunsidrata wkoll bħala preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ għal kwalunkwe minuri mhux miżżewweġ.

~~5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu indirizzati minn persuna li tixtieq tagħmel applikazzjoni għall-ażil ikunu kapaċi li jagħtu parir lil dik il-persuna dwar kif u fejn hija tkun tista' tagħmel tali applikazzjoni u/jew jistgħu jesiġu li dawn l-awtoritajiet jgħaddu l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti.~~

---

⇩ ġdid

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-gwardji tal-fruntiera, puliżija u awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u persunal ta' faċilitajiet ta' detenzjoni ikollhom istruzzjonijiet u jirċievu t-taħriġ meħtieġ għat-trattar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali Jekk dawn l-awtoritajiet huma nnominati bħala awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 1, l-istruzzjonijiet għandhom jinkludu **l-obbligu tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. F'każijiet oħra, l-istruzzjonijiet għandhom jeħtieġu li** l-applikazzjoni tintbagħt lill-awtorità **kompetenti għal din ir-reġistrazzjoni** flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu indirizzati minn persuna li tixtieq tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkunu kapaċi li jagħtu parir lil dik il-persuna dwar kif u fejn hija tkun tista' tagħmel tali applikazzjoni u/jew jistgħu jesiġu li dawn l-awtoritajiet jgħaddu l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti.

9. Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun irreġistrata mill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan 72 siegħa mill-mument li persuna tkun esprimit x-xewqa tagħha li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali skont is-subparagrafu 1 tal-paragrafu 8.

*Artikolu 7*

**Informazzjonu u konsulenza f'punti ta' qsim bejn il-fruntieri u faċilitajiet ta' detenzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-proċeduri li jridu jkunu segwiti sabiex issir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun disponibbli f':

(a) punti ta' qsim bejn il-fruntieri, inkluż żoni ta' transitu, fi fruntieri esterni; u

(b) faċilitajiet ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiprovdu għall-arranġamenti ta' interpretazzjoni sabiex jiżguraw komunikazzjoni bejn persuni li jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali u l-gwardji tal-fruntieri jew persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet li jipprovdu pariri u konsulenza lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom aċċess għall-punti ta' qsim bejn il-fruntieri, inkluż iż-żoni ta' transitu, u faċilitajiet ta' detenzjoni soġġetti għall-ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-regoli li jkopru l-preżenza ta' dawn l-organizzazzjonijiet f'oqsma li ssir referenza għalihom f'dan l-Artikolu.

---

🡻 2005/85/KE
⇨ ġdid

*Artikolu ~~7~~8*

**Id-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru matul iż-żmien li fih tiġi eżaminata l-applikazzjoni**

1. L-applikanti għandhom jitħallew jibqgħu fl-Istat Membru, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet id-deċiżjoni skont il-proċeduri fl-istadju ta' prim'istanza stabbiliti fil-Kapitolu III. Dan id-dritt li jitħallew jibqgħu fl-Istat Membru m'għandux jikkostitwixxi intitolament għall-permess ta' residenza.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni biss fejn, ~~skont l-Artikoli 32 u 34,~~ ⇨ persuna tagħmel ⇦ applikazzjoni sussegwenti ⇨ kif deskritt fl-Artikolu 35 (8) ⇦ ~~mhux se tkun eżaminata iktar~~ jew fejn dawn iċedu jew jestradixxu, skont il-każ, persuna lejn Stat Membru ieħor konformament ma' obbligi taħt il-Mandat ta' Arrest Ewropew[18] jew diversament, jew lejn pajjiż terz ⇨ , bl-eċċezzjoni tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant ikkonċernat ⇦ , jew lejn qrati jew tribunali kriminali internazzjonali.

---

⇩ ġdid

3. Stat Membru jista' jestradixxi applikant f'pajjiż terz skont il-paragrafu 2 biss meta l-awtoritajiet kompetenti huma sodisfatti li deċiżjoni ta' estradizzjoni mhux se tirriżulta f'*refoulement* diretta jew indiretta fi vjolazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Istat Membru.

---

[18] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1)

---

↓ 2005/85/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~8~~9*

**Rekwiżiti għall-eżami ta' applikazzjonijiet**

1. ~~Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23(4)(i),~~ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ la jiġu miċħuda u lanqas esklużi milli jiġu eżaminati għar-raġuni biss li ma kinux saru malajr kemm jista' jkun.

---

⇩ ġdid

2. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali l-ewwel għandhom ikunu eżaminati biex jiġi ddeterminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala rifuġjati. Jekk le, dawn għandhom ikunu eżaminati biex jiġi ddeterminat jekk humiex applikanti eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja.

---

↓2005/85/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~2~~3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti dwar applikazzjonijiet għall- ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~ażil~~ jiġu meħuda wara eżami adegwat. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li

(a) l-applikazzjonijiet jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet jiġu meħuda individwalment, oġġettivament u imparzjalment;

(b) tiġi miksuba informazzjoni preċiża u aġġornata minn sorsi varji, bħall-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR), ⇨ u l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil ⇦ rigward is-sitwazzjoni ġenerali li teżisti fil-pajjiżi ta' origini tal-applikanti ~~għall-ażil~~ u, fejn meħtieġ, f'pajjiżi li għaddew minnhom, u li tali informazzjoni issir disponibbli għall-persunal responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet u mit-teħid ta' deċiżjonijiet ⇨ u, fejn l-awtorità determinanti tikkunsidra din l-informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni, lill-applikant u lill-konsulent legali tiegħu ⇦ ;

(c) il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet ikollu l-konoxxenza tal-istandards relevanti applikabbli fil-qasam tal-liġi dwar l-ażil u dwar ir-rifuġjati;~~.~~

⇩ ġdid

(d) il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet jingħataw istruzzjonijiet u għandhom l-possibbiltà li jitolbu parir, meta jkun meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, dwar it-tfal jew is-sess.

---

🡻 2005/85/KE
⇨ ġdid

~~3~~4. L-awtoritajiet imsemmija fil-Kapitolu V għandhom, permezz tal-awtorità determinanti jew tal-applikant jew diversament, ikollhom aċċess għall-informazzjoni ġenerali msemmija fil-paragrafu ~~2~~3(b), li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompitu tagħhom.

~~4~~5. L-Istati Membri ~~jistgħu~~ ⇨ għandhom ⇦ jistabbilixxu regoli li jikkonċernaw it-traduzzjoni ta' dokumenti relevanti għall-eżami ta' applikazzjonijiet.

*Artikolu ~~9~~10*

**Rekwiżiti għal deċiżjoni mill-awtorità determinanti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ jingħataw bil-miktub.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li, fejn applikazzjoni tiġi miċħuda, ⇨ fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat u/jew l-istatus tal-protezzjoni sussidjarja ⇦ ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt jiġu ddikjarati fid-deċiżjoni u tiġi mogħtija bil-miktub informazzjoni dwar kif tiġi kontestata deċiżjoni negattiva.

~~L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jiddikjaraw ir-raġunijiet għar-rifjut li jingħata l-istatus ta' rifuġjat f'deċiżjoni fejn l-applikant jiġi mogħti status li joffri l-istess drittijiet u benefiċċji taħt il-liġijiet nazzjonali u Komunitarja bħall-istatus ta' rifuġjat taħt id-Direttiva 2004/83/KE. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għar-rifjut li jingħata l-istatus ta' rifuġjat jiġu dikjarati fil-file tal-applikant u li l-applikant ikollu, fuq it-talba tiegħu, aċċess għall-file tiegħu.~~

~~Barra minn hekk,~~ l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jipprovdu bil-miktub informazzjoni dwar kif tiġi kontestata deċiżjoni negattiva flimkien ma' deċiżjoni fejn l-applikant ikun ingħata din l-informazzjoni fi stadju aktar kmieni bil-miktub jew b'mezz elettroniku aċċessibbli għall-applikant.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 6(3)(4),u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-Istati Membri jistgħu jieħdu deċiżjoni waħda, li tkopri d-dipendenti kollha.

⇩ ġdid

4. Il-paragrafu 3 m'għandux japplika għall-każijiet fejn l-iżvelar ta' ċirkustanzi partikolari ta' persuna lill-membri tal-familja tagħha tistà tipperikola l-interessi ta' dik il-persuna, inkluż każijiet li jinvolvu persekuzzjoni bbażata fuq sess u/jew età. F'każijiet bħal dawn, deċiżjoni separata għandha tinħareġ lill-persuna kkonċernata.

---

🡻 2005/85/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~10~~11*

**Garanziji għall-applikanti għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦**

1. Fir-rigward tal-proċeduri provduti fil-Kapitolu III, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l~~-applikanti kollha għall-ażil~~ ⇨ l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali ⇦ igawdu l-garanziji li gejjin:

(a) għandhom jiġu informati f'ilsien li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija jifhmu tal-proċedura li jkollha tiġi segwita u tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura u l-konsegwenzi eventwali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom u ta' nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet. Għandhom jiġu informati dwar il-perjodu ta' żmien, kif ukoll dwar il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom, sabiex jissodisfaw l-obbligu tal-preżentazzjoni tal-elementi imsemmija fl-Artikolu 4 tad-~~Direttiva 2004/83/~~KEDirettiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika ]. Din l-informazzjoni għandha tingħatalhom fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'din id-Direttiva u jikkonformaw mal-obbligi deskritti fl-Artikolu ~~11~~12;

(b) għandhom jirċievu s-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom quddiem l-awtoritajiet kompetenti meta dan ikun meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bħala meħtieġ l-għoti ta' dawn is-servizzi għall-inqas meta l-awtorità determinanti ssejjaħ lill-applikant sabiex jiġi intervistat kif imsemmi fl-Artikoli ~~12 u 13~~ 13, 14, ⇨ 15, 16 u 30⇦ u meta ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni adegwata mingħajr dawn is-servizzi. F'dan il-każ u f'każijiet oħra fejn l-awtoritajiet kompetenti jsejħu lill-applikant, dawn is-servizzi għandhom jiġu mħallsa minn fondi pubbliċi;

(c) ma għandhiex tiġi miċħuda lilhom l-opportunità li jikkomunikaw mal-UNHCR jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra ~~li taħdem f'isem il-UNHCR fit-territorju tal-Istat Membru skont ftehim ma'~~ ⇨ li tipprovdi parir jew konsulenza legali lill-persuni li jfittxu ażil skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ⇦ dak l-Istat Membru;

(d) għandhom jingħataw notifika fi żmien raġonevoli tad-deċiżjoni mill-awtorità determinanti fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ . Jekk l-applikant ikun qiegħed jiġi rappreżentat legalment minn konsulent legali jew konsulent ieħor, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnotifikaw lil dan bid-deċiżjoni minflok lill-applikant għall-~~ażil~~ ⇨ proċedura internazzjonali ⇦ ;

(e) għandhom jiġu infurmati dwar ir-riżultat tad-deċiżjoni mill-awtorità determinanti f'ilsien li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija jifhmu meta ma jkunux assistiti jew rappreżentati minn konsulent legali jew konsulent ieħor ~~u meta ma tkunx disponibbli għajnuna legali bla ħlas~~. L-informazzjoni provduta għandha tinkludi informazzjoni dwar kif tiġi kontestata deċiżjoni negattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu ~~9~~10(2).

2. Fir-rigward tal-proċeduri previsti fil-Kapitolu V, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti kollha ~~għall-ażil~~ igawdu garanziji ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1(b), (c) u (d) ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu ~~11~~12*

**Obbligi tal-applikanti għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦**

1. ⇨L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti bl-għan li jistabbilixxu l-identità tagħhom u elementi oħra li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika]. ⇦ L-Istati Membri jistgħu jimponu lill-applikant ~~għall-ażil~~ obbligi ⌦ oħra ⌫ biex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti sa fejn dawn l-obbligi huma meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.

2. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li

(a) l-applikanti ~~għall-ażil~~ ikunu meħtieġa jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jew jidhru personalment quddiemhom mill-iktar fis possibbli jew fi żmien partikolari;

(b) l-applikanti ~~għall-ażil~~ ikollhom jagħtu dokumenti fil-pussess tagħhom li jkunu relevanti għall-eżami tal-applikazzjoni, bħall-passaporti tagħhom;

(c) l-applikanti ~~għall-ażil~~ jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-post tar-residenza jew bl-indirizz attwali tagħhom u b'kull tibdil ta' dan mill-aktar fis possibbli. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fil-post ta' residenza jew fl-indirizz l-aktar reċenti li huwa kien indika għal dan il-għan;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jfittxu l-applikant u l-affarijiet li jġorr miegħu~~,~~ ⇨ sakemm it-tfittxija titwettaq minn persuna tal-istess sess ⇦;

(e) l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu ritratt tal-applikant; u

(f) l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreġistraw l-istqarrijiet orali tal-applikant, sakemm dan ikun preċedentement ġie informat b'dan.

*Artikolu ~~12~~13*

**Intervista personali**

1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti, l-applikant ~~għall-ażil~~ għandu jingħata l-opportunità ta' intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ma' persuna li tkun, taħt il-liġi nazzjonali, kompetenti sabiex tmexxi tali intervista. ⇨L-intervisti dwar is-sustanza tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titwettaq mill-persunal tal-awtorità determinanti. ⇦

~~L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opportunità wkoll ta' intervista personali lil kull adult dipendenti imsemmi fl-Artikolu 6(3).~~

---

⇩ ġdid

Fejn persuna tkun għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'isem id-dipendenti tagħha, kull adult li l-applikant jirrilata miegħu għandu jingħata l-opportunità biex jesprimi l-opinjoni tiegħu fil-privat u li jkun intervistat dwar l-applikazzjoni tiegħu.

---

🡻 2005/85/KE (adattat)
⇨ ġdid

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali dawk il-każijiet li fihom minuri għandu jingħata l-opportunità ta' intervista personali.

2. L-intervista personali ⇨ dwar is-sustanza tal-applikazzjoni ⇦ tista' titneħħa meta:

(a) l-awtorità determinanti tkun kapaċi li tieħu deċiżjoni pożittiva ⇨ fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat ⇦ abbażi tal-prova disponibbli; jew

~~(b) l-awtorità kompetenti tkun diġà ltaqgħet mal-applikant sabiex tassistih fit-tlestija tal-applikazzjoni tiegħu u fil-preżentazzjoni tal-informazzjoni essenzjali fir-rigward tal-applikazzjoni, konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2004/83/KE; jew~~

~~(c) l-awtorità determinanti, abbażi ta' eżami sħiħ tal-informazzjoni provduta mill-applikant, tikkunsidra l-applikazzjoni bħala bla bażi fil-każijiet fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 23(4)(a), (ċ), (g), (h) u (j).~~

~~3. L-intervista personali tista' tiġi ommessa fejn:~~

(b) ma tkunx raġonevolment prattikabbli, b'mod partikolari fejn l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li l-applikant mhuwiex f'sikktu jew kapaċi sabiex jiġi intervistat minnħabba ċirkostanzi persistenti li fuqhom huwa ma jkollux kontroll. F'dubju, ⇨ l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta espert mediku biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjoni hijiex temporanja jew permanenti, ⇦ L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu ċertifikat mediku jew psikoloġiku.

Fejn l-Istat Membru ma jipprovdix l-opportunità għal intervista personali lill-applikant skont dan il-paragrafupunt (b), jew fejn applikabbli, lid-dipendenti, għandu jsir dak li jkun raġonevolment possibbli sabiex l-applikant jew id-dipendenti ikunu jistgħu jippreżentaw aktar informazzjoni.

43. In-nuqqas ta' intervista personali skont dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ .

54. In-nuqqas ta' intervista personali skont il-paragrafu 2(b) u (c) u l-paragrafu 3 ma għandhiex tinċidi negattivament fuq id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti.

65. Irrispettivament mill-Artikolu 2024(1), l-Istati Membri, meta jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni għall-ażil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦, jistgħu jieħdu kont tal-fatt li l-applikant naqas milli jidher għall-intervista personali sakemm huwa ma kellux raġunijiet tajbin għan-nuqqas li jidher.

*Artikolu 1314*

**Rekwiżiti għal intervista personali**

1. Intervista personali għandha normalment issir mingħajr il-preżenza ta' membri tal-familja sakemm l-awtorità determinanti ma tikkunsidrax bħala meħtieġ, sabiex isir eżami adegwat, li jkun hemm membri oħra tal-familja preżenti.

2. Intervista personali għandha ssir taħt kondizzjonijiet li jiżguraw kunfidenzjalità adegwata.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-intervisti personali jitmexxew taħt kondizzjonijiet li jippermettu li l-applikanti jippreżentaw ir-raġunijiet għall-applikazzjonijiet tagħhom b'mod komprensiv. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li l-persuna li tagħmel l-intervista tkun suffiċjentement kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, ⇨ sess ⇦ jew il-vulnerabbiltà tal-applikant;, safejn ikun possibbli li jsir dan; u

⇩ ġdid

(b) kull meta jkun possibbli, jipprovdu li l-intervista mal-applikant tkun imwettqa minn persuna tal-istess sess jekk l-applikant ikkonċernat jitlob dan;

🡻 2005/85/KE
⇨ ġdid

(~~b~~c) jagħżlu interpretu ⇨ kompetenti ⇦ li jkun kapaċi jiżgura komunikazzjoni adegwata bejn l-applikant u l-persuna li tmexxi l-intervista. Mhuwiex meħtieġ li l-komunikazzjoni ssir fl-ilsien li jippreferi l-applikant ~~għall-ażil~~ jekk ikun hemm ilsien ieħor li huwa ~~jista' jkun raġonevolment mistenni~~ jifhem u li bih huwa jkun kapaċi jikkomunika~~.~~ ⇨ b'mod ċar. Kull meta jkun possibbli, l-Istati membri għandhom jipprovdu interpretu tal-istess sess jekk l-applikant jitlob dan; ⇦

⇩ ġdid

(d) jiżguraw li l-persuna li tagħmel l-intervista dwar is-sustanza ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma tilbisx uniformi;

a) jiżguraw li l-intervisti mal-minuri isiru b'mod li jifmuhom it-tfal.

🡻 2005/85/KE

4. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jikkonċernaw il-preżenza, waqt intervista personali, ta' terzi persuni.

~~5. Dan l-Artikolu huwa applikabbli wkoll għal-laqgħa msemmija fl-Artikolu 12(2)(b).~~

⇩ ġdid

*Artikolu 15*

**Il-kontenut ta' intervista personali**

Meta ssir intervista personali dwar is-sustanza ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikant għandu opportunità adegwata biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissustanzja l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 4 (1) u (2) tad-

Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika]. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-mistoqsijiet indirizzati lill-applikant huma relevanti għall-valutazzjoni ta' jekk l-applikant għandux bżonn protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva […./../KE] [id-Direttiva dwar il-Kwalifika];

(b) l-applikant għandu opportunità adegwata biex jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa biex jissustanzja l-applikazzjoni li jistgħu jkunu nieqsa u/jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tiegħu.

---

↓ 2005/85/KE

~~*Artikolu 14*~~

~~**L-istatus tar-rapport ta' intervista personali fil-proċedura**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir rapport bil-miktub ta' kull intervista personali, li jkun fih għall-inqas l-informazzjoni essenzjali dwar l-applikazzjoni, kif preżentata mill-applikant, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2004/83/KE.~~

